# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Ġunju 2021.**

**Numru 29**

**Rikors numru 140/10/1 SM**

**Top 3 International Limited (C-47017)**

**v.**

**Jazz Leisure Company Limited**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat li ressqet is-soċjeta` attriċi fil-15 ta' Frar, 2010, u li jaqra hekk:

> "i. Illi s-socjeta' Jazz Leisure Company Limited hija debitrici tas-socjeta' Top 3 International Limited fl-ammont, komplessivament, ta' tmienja u ghoxrin elf, mija u erbgha u erbghin Euro u tmienja u sittin centezmu (€28,144.68), rappresentanti l-valur ta' biljetti ta' l-ajru u

servizzi ohrajn relatati suppliti lill-istess socjeta’ konvenuta mis-socjeta’ rikorrenti.

ii. Illi ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet interpellata biex thallas l-ammont minnha dovut kif fuq spjegat, hija baqghet inadempjenti.

Tghid ghalhekk is-socjeta’ konvenuta ghaliex m’ghandiex din il-Qorti:

1. Tikkundanaha thallas lis-socjeta’ rikorrenti l-ammont ta’ tmienja u ghoxrin elf, mija u erbgha u erbghin Euro u tmienja u sittin centezmi (€28,144.68), rappresentanti l-valur ta’ biljetti ta’ l-ajru u servizzi ohrajn relatati li kif inghad gew suppliti lis-socjeta’ konvenuta mis-socjeta’ rikorrenti;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ ittra legali u tal-mandat ta’ sekwestru bin-numru in subizzjoni”.

2. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta` konvenuta li in forza tagħha eċċepiet:

“1. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta attrici ma’ huwiex dovut mis-socjeta eccipjenti u dana minhabba fil-fatt, li ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza, illi ‘n effetti hija s-socjeta attrici li ghandha thallas flus lis-socjeta esponenti tant illi l-istess qed iressqu ma’ dina l-umli risposta kontro-talba ghas-somma ta’ Euro56,288.00 (sitta u hamsin elf, mitejn u tmienja u tmenin euro) valur ta’ “refunded tickets” u valur ta’ biljetti tal-ajru mhux uzati.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;”

3. Rat il-kontro-talba li ressqet is-soċjeta` konvenuta li taqra hekk:

“1. Illi s-socjeta Top 3 International Limited hija debitrici tas-socjeta Jazz Leisure Company Limited fl-ammont komplessiv ta’ Euro 56,288 (sitta u hamsin elf, mitejn u tmienja u tmenin euro) rappresentanti l-valur ta’ “refunded tickets” u valur ta’ biljetti tal-ajru mhux uzati kif ser jirrizulta waqt is-smiegh ta’ dana r-rikors;

2. Minkejja li nterpellata s-socjeta Top 3 International Limited baqghet ma’ hallset xejn u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Tghid ghalhekk is-socjeta rikonvenuta Top 3 International Limited ghaliex ma’ ghandiex dina l-Onorabbli Qorti:-

> 1. Tikkundanna lis-socjeta Top 3 International Limited thallas lis-socjeta Jazz Leisure Company Limited is-somma ta' Euro 56,288 rappresentanti valur ta' "unrefunded tickets" tal-ajru u valur ta' biljetti tal-ajru mhux uzati.Bl-ispejjez u bl-imghax legali u b'hekk is-socjeta ri-konvenuta tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni."

4. Rat ir-risposta tas-soċjeta` attriċi għall-kontro-talba tas-soċjeta` konvenuta li in forza tagħha eċċepiet illi:

> "1. Illi s-socjeta` Jazz Leisure Company Limited bl-ebda mod ma hija kreditrici tas-socjeta'esponenti kif qed tippretendi l-istess socjeta' permezz tal-kontro-talba minnha avanzata.
>
> Is-socjeta' Jazz Leisure Company Limited kienet intitolata skond il-ligi li tezigi l-hlas lura tal-valur ta' biljett ta' l-ajru supplit mis-socjeta' esponenti **fil-kaz biss** illi dak il-valur ikun effettivament gie rifuz lis-socjeta' esponenti. Kull darba illi s-socjeta' esponenti irceviet lura l-valur ta' biljett li kien gie supplit lis-soċjeta' rikonvenjenti, l-istess valur gie mghoddi f'idejn dik is-socjeta`. Ma hemm l-ebda kaz ta' xi rifuzjoni li sehhet f'idejn is-socjeta' esponenti u la ma gietx mghoddija lis-socjeta' rikonvenjenti.
>
> 2. Bir-riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri li jkunu ammissibbli skond il-ligi."

5. Rat is-sentenza li tat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Marzu,2016, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża fis-sens li ġej:

> "28. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata ssodisfat *in parte* it-talbiet taghha inkluzi fir-rikors guramentat promotur u fir-risposti rikonvenzjonati taghha;
>
> 29. Illi bl-istess mod din il-qorti hi sodisfatta wkoll li s-socjeta` intimata rikonvenzjonanti pprovat *in parte* ir-risposta guramentata taghha flimkien ma parti mit-talbiet rikonvenzjonanti taghha;
>
> 30.0. Illi in vista tal-premess allura, din il-qorti taqta` u tiddeciedi li tenut kont tas-suespost
>
> 30.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata rikonvenzjonanti *Jazz Leisure Company Limited* ghandha taghti lis-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata *Top 3 International Limited* l-ammont ta' hmistax il-elf u tlettax il-Ewro u erbgha u tletin centezmu, (€15,013.34);

30.2. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata kif fuq indikata thallas l-ammont hekk likwidat lis-socjeta` rikorrenti fuq indikata kif indikat fil-paragrafu precedenti;

30.3. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-istess rikors guramentat promotur sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta` intimata rikonvenzjonanti".

6. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Ikkunsidrat:

11.0. Illi essenzjalment din il-kawza tirrigwarda t-talbiet tas-socjetajiet kontendenti ghall-ammonti fuq indikati minn xulxin:

11.1. Dik rikorrenti qed titlob mis-socjeta` intimata l-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf u hamsin Ewro u tmienja u sittin centezmu, (€22,050.68), ammont ridott minn dak originarjament mitlub, (ara foll 205 u 1);

11.2. Dik intimata li qed titlob l-ammont ta' €56,288.00 mis-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi s-socjetajiet kontendenti jirrizulta li kienu jikkollaboraw kummercjalment ma xulxin fil-qasam turistiku, fejn:

12.1. Min-naha l-wahda s-socjeta` rikorrenti kienet tissupplixxi lis-socjeta` intimata b'servizzi ta' biljetti tal-ajru u akkomodazzjoni fil-lukanda tas-socjeta` intimata; u

12.2. Min-naha l-ohra is-socjeta` intimata tirrivendika l-ammont minnha hawn rikjest ghal rifuzjoni ta' biljetti;

13. Illi f'dan il-kuntest l-insenjament kurjali jistabbilixxi s-segwenti: (**Kollez. Vol. XLVI I. p.5**)

"Ibda biex, ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a karigu tal-parti li tallega l-fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti,sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu, (**"actori incumbit probatio"**), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub

minnu biex jikkonstrata, l-pretiza tal-attur, (**“reus in excipiendo fit actor”**);

Ikkunsidrat:

14. Illi minn analizi tad-deposizzjonijiet migbura in atti jirrizulta pjuttost komuni fil-professjoni in dizamina li biljettti tal-ajru li talvolta jistghu jigu prenotati, effettivament ma jintuzawx, u ghalhekk ma jigux utilizzati, (ara foll 29, 33, 123 u 157);

15. Illi fil-generalita` tal-okkazzjonijiet ta’ meta jigri hekk is-socjeta` rikorrenti kienet tirritorna il-biljetti li ma kienux jigu utilizzati lill-linja tal-ajru kkoncernata *stante* li jista` jaghti l-kaz li tkun involuta xi rifuzjoni fuq l-istess biljetti, (ara foll 150 u 157);

Ikkunsidrat:

16.Illi l-principju naxxenti mill-problematika in dizamina jista` jigi sintetizzat fis-segwenti:

“**Min jallega jrid jipprova**”;

17.Illi f’dan il-kuntest l-artiklu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jistabilixxi s-segwenti:

> “Bla hsara ta’ kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta’ fatt imiss dejjem lil min jallegah”;

Ikkunsidrat:

18.Illi minn analisi tal-provi prodotti dawk ipprezentati mis-socjeta` intimata rikonvenzjonanti ma jirrizultawx li jissodisfaw il-precett legali li jipprovaw l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet minnha suffragata;

19.Illi l-pretensjoni tas-socjeta` intimata rikonvenzjonata hi tali li din qed tippretendi li r-rifuzjoni ta’ ammonti minnha rikjamati hi dejjem dovuta meta il-biljetti tal-ajru involuti ma jintuzawx;

20 .Illi ovvjament risoluzzjoni tal-vertenza b’mod favorevoli ghas-socjeta` intimata rikonvenzjonanti kien li tipprova, skont il-ligi, li l-allegazzjoni minnha vantata li ghandha tigi rifuza l-ammont komplessiv ta’ €56,288.00 f’biljetti mhux uzati tigi minnha debitament ippruvata - haga li pero`, ma’ tirrizultax;

21. Illi *di piu`* ghandu wkoll ikun pacifiku li r-rifuzjoni in dizamina hi dipendenti, fost l-ohrajn, fuq ir-regolamenti tal-linji tal-ajru involuti u fuq il-klassi relattiva tal-biljett;

22. Illi f’dan ir-rigward jirrizulta assodat mix-xhieda tal-*“accounts clerk”* tas-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonati li din is-socjeta` m’ghandha

l-ebda ammonti x'tghaddi lis-socjeta` intimata rikonvenzjonanti *stante* li kull rifuzjoni ghall-biljetti mhux uzati li irceviet, din dejjem ghaddiethom lis-socjeta` intimata; (ara foll 151);

Ikkunsidrat:

23. Illi *di piu`*, skont ix-xhieda tal-*Financial Comtroller* tas-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonanti hu stabbilit li l-linji tal-ivvjaggar kienu jhallsu xi rifuzjonijiet lis-socjeta` rikorrenti fuq indikata liema rifuzjonijiet din kienet tghaddihom lis-socjeta` intimata *de quo* f'forma ta' *credit notes*, (ara foll 34);

24. Illi skont id-Dokument immarkat A.G.1 jirrizulta stabbilit li l-ammont komplessiv li s-socjeta` rikorrenti ghandha bilanc favur taghha hu ammontanti ghal elf erba` mija, tmienja u disghin Ewro u tmenin centezmu, (€1,498.80), (ara foll 36);

25 .Illi *di piu`*, id-Dokument immarkat A.G. 2 juri bilanc kumplessiv iehor ta' tlettax il-elf hames mija u erbatax il-Ewro u erbgha u hamsin centezmu, (€13,514.54), (ara foll 67), oltre li d-Dokument A.G. 3 li juri bilanc ulterjuri ta' sebat elef u sebgha u tletin Ewro u erbgha u tletin centezmu, (€7,037.34), (ara foll 108), ilkoll favur is-socjeta` rikorrenti;

26. Illi tenut kont tas-*suespost* jirrizulta assodat li l-ammont komplessiv rikjamat mis-socjeta` rikorrenti jammonta ghal €22,050.68, (ara paragrafi numri 24 u 25 aktar qabel);

Ikkunsidrat:

27.0. Illi pero` fir-rigward tal-ammont ta' €7,037.34 rikjamat mis-socjeta` rikorrenti, (ara paragrafu numru 24 aktar qabel), jinghad sintetikament is-segwenti:

27.1. Illi s-sid tas-socjeta` intimata jsostni li dan l-ammont komplessiv kien rikjamat mis-socjeta` Amerikana *"Weatherfort"*, (ara foll 189);

27.2. Illi l-istess affermazzjoni indikata fil-paragrafu precedenti hi suffragata mill-fatturi in atti pprezentati a foll 110 sa 120 tal-process;

27.3. Illi ghalhekk l-ammont ta' €7,037.34 hekk indikat ghandu jitnaqqas mill-ammont indikat fil-paragrafu numru 26 dovut mis-socjeta` intimata lil dik rikorrenti;

7. Rat ir-rikors tal-appell tas-soċjeta` konvenuta li in forza tieghu, għar-raġunijiet minnha premessi,

> “titlob li dika s-sentenza tigi mhassra, revokata u annullata billi tilqa l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tas-socjeta esponenti”

8. Rat ir-risposta tas-soċjeta` attriċi li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnha premessi, presumibilment qed titlob iċ-ċaħda tal-appell.

9. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

10. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti:

Ikkunsidrat:

11. Illi din hi kawża fejn is-soċjeta` attriċi qed titlob ħlas ta’ bilanċ ta’ prezz ta’ biljetti tal-ajru mibjugħa lis-soċjeta` konvenuta. Din l-aħħar soċjeta` kienet tixtri l-biljetti għall-klijenti tagħha li jkunu jivvjaġġaw lejn u minn pajjiżi tal-Afrika ta’ fuq għax-xogħol. Is-soċjeta` konvenuta, kif ifformolat ir-risposta tagħha, tidher li tammetti dan id-dejn, tant li tgħid li l-ammont mitlub mis-soċjeta` attriċi ma huwiex dovut, peress illi in effetti hija s-soċjeta` attriċi li għandha tħallas flus lis-soċjeta` konvenuta u ressqet kontro-talba għal dan il-għan. Dan qed tgħidu, peress illi jekk il-biljett tal-ajru ma jintużax, jintbagħat lura lil linja tal-ajru konċernata, u din tagħti ‘*refund’* lis-soċjeta` attriċi li tkun xtrat il-biljett, b’din tal-aħħar in segwitu tgħaddi l-flus li tkun irċeviet bħala ‘*refund’* lis-soċjeta` konvenuta.

Din is-soċjeta` konvenuta tgħid li għandha tieħu mingħand is-soċjeta` attriċi somma ferm akbar milli din l-aħħar soċjeta`qed tippretendi.

12. Mill-premess isegwi li dak li għandu jiġi investigat l-ewwel hija din il-pretensjoni tas-soċjeta` konvenuta. L-ewwel Qorti eżaminat din il-pretensjoni u sabet li ma ġietx sostnuta bil-provi u għalhekk ċaħdet il-kontro-talba tas-soċjeta` konvenuta. Hi għaddiet biex laqgħet it-talba attriċi wara li naqqset ammont li dehrilha kien dovut minn soċjeta` terza u mhux mis-soċjeta` konvenuta.

13. Is-soċjeta` konvenuta appellat mis-sentenza u tissottometti , fl-ewwel lok, li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija nulla peress li ma sarx pronunzjament dwar il-kontro-talba fid-*decide,* u fit-tieni lok, li sar mill-ewwel Qorti "raġunament skorrett" fiċ-ċaħda tal-kontro-talba tagħha.

14. Din il-Qorti tibda biex tgħid li ma taqbilx mal-ewwel aggravju, peress illi huwa ċar mid-*decide* li l-pretensjoni tas-soċjeta` konvenuta ġiet ippruvata biss parzjalment, tant li l-ewwel Qorti naqqset mis-somma li tippretendi li għandha tieħu is-soċjeta` attriċi. Fl-aħħar mill-aħħar, mill-eżerċizzju li għamlet l-ewwel Qorti, huwa ċar li hi laqgħet il-pretensjoni attriċi, naqqset minnha somma waħda biss (ta' €7,037.34) kif ippretendiet *in parte* is-soċjeta` konvenuta, u ordnat lil din tal-aħħar tħallas il-bilanċ. Jiġifieri, fid-*decide* l-ewwel Qorti qieset iż-żewġ pretensjonijiet flimkien u

tat deċiżjoni waħda li biha laqtet kemm il-pretensjoni attriċi u dik tas-soċjeta` konvenuta. L-ewwel aggravju hu għalhekk miċħud.

15. Fil-kuntest tal-aggravju fil-meritu, din il-Qorti, bħal l-ewwel Qorti qabilha, ma tarax li s-soċjeta` konvenuta ppruvat il-każ tagħha. Din is-soċjeta` ressqet lista ta' biljetti tal-ajru li ma ntużawx u li taghhom tippretendi rifuzjoni. Ma ġabetx prova li turi li l-linji tal-ajru relattivi aċċettaw li jagħtu rifuzjoni f'kull każ u li, meta ġiet aċċettata l-pretensjoni għar-rifusjoni, sar il-ħlas relattiv lis-soċjeta` attriċi. Is-soċjeta` konvenuta turi kemm hi tippretendi, imma ma ppruvat xejn aktar. Mill-provi jidher li ġieli jkun hemm każijiet fejn il-linja tal-ajru ma tagħtix rifuzjoni, u dan minħabba natura tal-vjaġġ jew il-kundizzjonijiet partikolari tal-biljett; ma ġiex muri, allura, kemm mill-biljetti mahruga ġew kanċellati jew aħjar mhux użati u l-linja tal-ajru aċċettat li tagħmel rifużjoni tal-prezz.

16. Is-soċjeta` attriċi qalet li kull meta rċiviet ħlas lura tal-biljetti, dan il-ħlas għaddietu lis-soċjeta` konvenuta jew bi flus jew bi '*credit note',* u tgħid li ma għandhiex rifuzjonijiet pendenti. Xehdet anke il-*Financial Controller* tas-soċjeta` attriċi li kkonfermat dan. Da parti tas-soċjeta` konvenuta, tirribatti din l-istqarrija, pero`, kif ingħad, ma ressqetx provi konkludenti in sostenn tat-teżi tagħha.

17. Is-soċjeta` konvenuta tgħid ukoll li, wara xi żmien, indunat li s-soċjeta` attriċi kienet tbiegħ il-biljetti tal-ajru bi prezz ferm ogħla milli kienet tixtrihom, iżda meta tagħtiha r-rifużjoni, tagħti lura biss il-flus li rċeviet mil-linja tal-ajru partikolari, ċioe`, il-prezz veru tal-biljett, u mhux il-prezz li hi tkun ħalset għall-istess biljett. Din ukoll, pero` hi allegazzjoni li ma ġiet ippruvata bl-ebda mod. Ħarġet mix-xhieda ta' uffiċjal tas-soċjeta` konvenuta, iżda ebda korroborazzjoni ma nġabet u lanqas kemm kienet il-'*mark-up*' da parti tas-soċjeta` attriċi. Hija allegazzjoni mitfugħa fl-atti bla ebda sostenn mill-provi.

18. Il-fatt li s-soċjeta` konvenuta, f'xi dokumenti mibgħuta lis-soċjeta` attriċi, kienet tgħid li '*refunds pending*' jew li flus '*not received as yet'* ma jfisser xejn. Huma biss stqarrijiet unilaterali, iżda ma saritx il-prova li l-flus li kienet qed tistenna effettivament waslu f'idejn is-soċjeta` attriċi. Is-sistema li biha kienu joperaw il-partijiet kienet dipendenti fuq jekk u meta jsiru rifuzjonijiet mil-linja tal-ajru, u s-soċjeta` attriċi ma kinitx marbuta li tħallas hi personalment għall-biljetti li ma jintużawx. Dawn il-biljetti, s-soċjeta` konvenuta kienet tibgħathom lil linja tal-ajru għar-rifuzjoni, u mhux lis-soċjeta`attriċi. Il-linja tal-ajru kienet, in segwitu, tirranġa mas-soċjeta` attriċi, iżda fejn din tal-aħħar ma tirċevix il-flus, ma kinitx obbligata tagħmel ir-rifuzjoni hi.

19. Għall-bqija, din il-Qorti tara li s-soċjeta` attriċi ppruvat il-każ tagħha, u mill-atti jirriżulta pruvat dak li qed tippretendi, salv it-tnaqqis li għamlet l-ewwel Qorti u li dwaru ma sarx appell.

Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-soċjeta` konvenuta Jazz Leisure Co.Ltd. billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjeż kollha jitħallsu mill-imsemmija soċjeta` konvenuta appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da